# Is-Serqa tal-Pagi tat-Tarzna



> *Mingħajr l-ebda dubju, is-serqa li l-aktar li ġabet għagħa f'pajjiżna kienet dik li saret nhar it-22 ta' April 1948, li baqgħet magħrufa bħala 'Is-Serqa tat-Tarzna (jew tad-Dockyard)', għalkemm din ma saritx fit-tarzna proprja.*

Mingħajr l-ebda dubju, is-serqa li l-aktar li ġabet għagħa f'pajjiżna kienet dik li saret nhar it-22 ta' April 1948, li baqgħet magħrufa bħala 'Is-Serqa tat-Tarzna (jew tad-*Dockyard*)', għalkemm din ma saritx fit-tarzna proprja. Dakinhar filgħodu, it-trakk tan-*Navy* mar il-Belt Valletta u hemm, mill-fergħa tal-*Barclays Bank* għabba s-somma ta' £126,740.00, flus li kienu l-pagi għall-ħaddiema kollha tat-tarzna. Għall-ħabta tal-10.30 a.m. dawn il-flus spiċċaw misruqa. L-għada, xi rapporti li dehru fil-ġurnali qalu li tnejn mill-ħallelin kienu libsin ta' pulizija. Imma dan kien rapport żbaljat għax fis-serqa ma ntużaw l-ebda uniformijiet; mhux veru li rġiel libsin ta' pulizija kienu qagħdu wieħed f'tarf it-telgħa li tieħu għal Kordin (fil-bidu ta' Raħal Ġdid) u ieħor f'post ieħor, u bdew jidderieġu t-traffiku. Ġurnal li rrapporta din is-serqa qal ukoll li l-ħallein kienu nqdew bi ħmar bil-karettun biex jimblokkaw t-trakk tan-*Navy*. Imma dawn kienu spekulazzjonijiet, u xejn aktar.

## Kif saret is-serqa

Il-ħallelin kienu f'karozza li, għalkemm kellha tkun irrappurtata misruqa, kienu ssellfuha mingħand persuna li kienet taf li biha kienet se ssir serqa. Il-ħallelin qagħdu jistennew il-wasla tat-trakk tan-*Navy* ħdejn il-pitkalija tal-Marsa, dik li kien hemm ftit 'l isfel minn fejn illum hemm il-kappella tal-MUSEUM tal-Blata l-Bajda, u peress li f'dak iż-żmien Triq Diċembru 13 ma kinitx teżisti, it-traffiku għal Raħal Ġdid kien jgħaddi minn quddiem il-knisja tal-Marsa. Infatti, hekk kif it-trakk bil-flus wasal quddiem din il-knisja, il-ħallelin (li kienu tlieta) saqu għal warajh u komplew segwewh sakemm wasal quddiem it-*Technical School*, fi Triq Kordin (fit-telgħa ta' fejn hemm il-Moskea). Hemm, is-sewwieq tal-karozza inkaxxa mat-trakk tan-*Navy* min-naħa tal-lemin u kif qabżu waqqaf l-karozza quddiemu. B'hekk il-karozza tal-ħallelin impediet l-passaġġ u t-trakk kellu jieqaf.



Eddie Attard

Sadattant, f'nofs it-triq ħdejn il-mina ta' Bormla kellha titpoġġa tabella bis-sinjal *'No Entry'* biex iżżomm it-traffiku minn dik in-naħa. Imma min ġie mqabbad ippoġiha m'għamilhiex. Hekk kif it-trakk waqaf, il-ħallelin ħarġu mill-karozza. Dawn kellhom wiċċhom mgħotti b'imkatar, bi xkora, u ieħor kellu għata oħra ma' wiċċu. F'dak il-ħin il-ħallelin kellhom *revolvers* u *machine gun* li minnufih ippuntawhom lejn is-sewwieq tat-trakk, Manwel Conti minn Tas-Sliema. In-nies l-oħra li kienu miegħu, kienu l-*head messenger* fil-*cash office* tat-tarzna, John Debarro, is-Sur Papagiorcopolo (assistent kaxxier tat-tarzna), u l-iskorta, *Leading Stoker Cocks*, Able Seamen J. Holis, u L. Manteville. Il-ħellelin mill-ewwel ordnawlhom jinżlu mit-trakk, u jitbiegħdu minnu, filwaqt li t-tlitt irġiel telgħu fit-trakk u ħarbu fid-direzzjoni ta' Ħal Tarxien. L-iskorta tat-trakk kellhom biss bajjunetta u għalhekk ftit setgħu joffru reżistenza.

## Jibdew l-investigazzjonijiet

Meta l-pulizija kienet infurmata b'din is-serqa l-investigazzjonijiet bdew minnufih. Dak iż-żmien il-kap tad-Dipartiment tal-Investigazzjonijiet Kriminali kien is-Supretendent Manwel Calleja, filwaqt li l-korp kien immexxi mill-Kummissarju Joseph Ullo. Għall-ewwel kien maħsub li din is-serqa twettqet mill-barranin, jew minn xi nies li kellhom l-intenzjoni jitilqu minn Malta wara s-serqa. Għalhekk, fl-ajrudrom u fil-portijiet ewlenin saret għassa stretta. Kien intqal ukoll li l-ewwel persuni arrestati kienu membri tas-servizzi Ingliżi f'Malta. Imma stqarrija mill-Kwartieri tal-Pulizija ċaħdet dan l-għajdut. Madankollu, għalkemm qatt ma kien irrappurtat fil-ġurnali, lis-sewwieq tat-trakk kienet saritlu tfittxija fir-residenza tiegħu f'Tas-Sliema. Kien tħabbar ukoll li l-awtoritajiet Navali kienu offrew £5,000.00 lil min jagħti tagħrif fejn kienu nħbew il-flus misruqa. Dan ir-rigal baqa' ma ħadu ħadd.

L-ewwel żvilupp dwar is-serqa kien is-sejba tat-trakk li nstab f'Wied is-Sewda, limiti ta' Ħaż-Żebbuġ. Din l-informazzjoni li waslet madwar tliet kwarti wara t-twettiq tas-serqa, għall-ħabta tal-11.45 a.m. tat-22 ta' April kien għaddieha lill-pulizija ċertu Salvu Borg, minn Ħaż-Żebbuġ, li mar għamel rapport lill-pulizija li fl-imsemmi wied kien ra trakk tan-*Navy* li minnu kienu niżlu tnejn

min-nies b'xi affarijiet f'idejhom. Borg qal lill-pulizija li għamel xi ħin jistenna lil dawn in-nies, li ma kienx jaf min kienu, imma dawn ma deħrux iżjed, u x'ħin resaq lejn it-trakk biex jara kienx hemm xi ħadd ġo fih imma ma kien sab lil ħadd. Aktar tard, f'bir f'għalqa f'dan il-wied kienu nstabu żewġ ingwanti, *raincoat*, u f'wieħed mill-bwiet tagħha kien hemm revolver imgeżwer ġo biċċa ċarruta ħadra.

### L-ewwel informazzjoni dwar il-ħallelin

L-ewwel żblokk f'dan il-każ wasal erbat ijiem wara s-serqa, meta sid il-karozza użata fis-serqa, Pinu Tanti, kien mar ikellem lis-Supretendent Calleja u qallu li kien lest jgħidlu min wettaq is-serqa kemm-il darba jagħtih protezzjoni għall-familja tiegħu. Hawn irid jingħad li l-awtoritajiet diġà kienu għamlu l-ħsieb li jinġiebu Malta membri tal-Pulizija Ingliża ta' *Scotland Yard* biex jgħinuhom, u kienet din l-informazzjoni li żammet kollox.

Tanti qal li għaxart ijiem qabel is-serqa kien mar għandu ċertu Manwel Cardona (minn Ħaz-Żebbug) u qallu biex imur miegħu Ħal Qormi fejn kellha ssir laqgħa minn dawk li kellhom iwettqu s-serqa. Waqt din il-laqgħa Cardona talbu l-karozza u qallu wkoll li kien se jitħallas ta' dan. Filwaqt li semma min kien hemm f'din il-laqgħa, Tanti qal li fil-21 ta' April Cardona kien reġa' mar ikellmu u qallu li l-għada kienu sejrin għall-karozza, għalhekk kellu jħalli fiha ċ-ċavetta. Dan kompla qal li fit-22 ta' April kienu marru għandu Cardona u Ġelardu Cassar minn Ħal Qormi u dan tal-aħħar ipponta *revolver* lejh meta Tanti qallu li ma riedx jagħtihom il-karozza. Minbarra Cassar u Cardona, Tanti semma wkoll lil Salvu Fenech u Ġanni Gambin, it-tnejn minn Ħaż-Żebbuġ, bħala dawk imdaħħla fis-serqa.

B'din l-informazzjoni kollha is-Supretendent Calleja ordna li jsiru tfittxijiet fir-residenza ta' dawn l-irġiel u, peress li Fenech kellu razzett u xi għelieqi fl-inħawi ta' Tal-Ħals, limiti ta' Ħaż-Żebbuġ, il-pulizija marret tfittex f'dawk l-inħawi. Minħabba l-fatt li s-somma tal-flus kienet tinkludi ħafna muniti tal-fidda u ramm, il-pulizija talbet lis-servizzi Ingliżi biex isir użu mill-*mine (metal) detectors* u ta' xi membri tal-*bomb disposal squad* biex jekk dawn il-muniti kienu ntradmu, il-pulizija tkun taf fejn għandha tħaffer għalihom.



*It-trakk fejn kienu qed jinġarru l-flus li intuża fis-serqa*

### Jibdew jinstabu l-flus

L-ewwel ma nstabu kienu ħafna mill-karti tal-liri. Hawnhekk wieħed irid ifakkar li f'dak iż-żmien il-karta bl-ogħla valur kienet dik ta' lira. Dawn il-flus kienu fi xkora tal-*luna*. Aktar tard instabu l-flus f'muniti. It-tfittxija bdiet tixtered iżjed u saret tfittxija kbira f'razzett li kellu kantina. B'kollox sa tard bil-lejl tas-27 ta' April, ħamest ijiem mis-serqa, kien irrappurtat li nstabu aktar min £80,000.00. Mal-aħbar tas-sejba tal-flus, il-Prim Ministru ta' dak iż-żmien, it-Tabib Pawlu Boffa, li kien ukoll responsabbli mill-korp tal-pulizija, kien mar fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija fil-Fleur-des-Lys biex jifiraħ lill-pulizija li kienu ħadu sehem f'din l-akbar ħidma tal-pulizija wara t-Tieni Gwerra Dinjija. Sadanittant il-Gvernatur ta' Malta, F.C.R. Douglas, bagħat ittra lill-Prim Ministru Boffa fejn qallu: 'Nifraħlek minn qalbi għar-riżultati li nkisbu fl-investigazzjonijiet tas-serq li sar dan l-aħħar minn nies armati. Tista', jekk jogħġbok, tgħaddi lill-Kummissarju tal-Pulizija u lill-uffiċjali u n-nies tiegħu dan l-apprezzament tiegħi għal biċċa xogħol tabilħaqq sabiħa li huma wettqu.'

Wara li nstabu xi flus il-Pulizija kienet bagħatet għal ċertu Pawlu Camilleri u għal ibnu Salvu (minn Ħaz-Żebbug); dawn ittieħdu l-Kwartieri tal-Pulizija biex isirulhom xi mistoqsijiet. Ftit tal-ħin wara kien mar f'Tal-Ħlas l-Ispettur Francis Agius tas-CID akkompanjat minn Salvu Camilleri. Dan tal-aħħar qal lill-pulizija fejn kien radam kaxxa bil-flus. Sadanittant, fir-razzett, il-pulizija kienet sabet il-*machine gun* użat fis-serqa.

### L-arresti

Dawk arrestati kienu Ġeraldu Cassar ta' 24 sena, Salvu Fenech ta' 24 sena, Manwel Cardona ta' 26 sena, Ġużeppi Cachia ta' 27 sena, Ġanni Gambin ta' 31 sena u Ġanni Buttiġieġ. Fl-ewwel interrogatorju tal-pulizija ħadd minn dawn l-irġiel ma għamel xi stqarrija ta' ħtija. Imma aktar tard, Buttigieg stqarr li hu ma kien lest jgħid xejn ta' xejn u meta s-Supretendent Calleja stqasieh x'ried, Buttigieg

qallu li jekk jingħata l-proklama hu kien lest jgħid kollox. Ma' din l-istqarrija s-Supretendent Calleja għarraf lis-superjuri tiegħu u wara siegħa u nofs waslet risposta li l-gvern kien lest jagħtih din l-immunità bil-kundizzjoni li jgħid kollox. Aktar tard Cardona tkellem ukoll, u qal li kien Gambin li kien xufier it-tarzna li kien ippropona din is-serqa. Cardona kompla qal li kien hu li dakinhar tas-serqa kien qagħad għassa wara l-bieb tal-*Barclays Bank*, il-Belt, u malli tgħabbew il-flus mar jgħid lil sħabu li kienu qegħdin jistennewh il-Blata-l-Bajda.

Wara kien imiss lit-tnejn l-oħra biex jitkellmu, u filwaqt li Fenech stqarr li daħal għal din il-biċċa xogħol għax kien fil-bżonn, qal ukoll li kien akkwista l-*machine gun* meta waqa' ajruplan tal-gwerra maġenb ir-razzett tagħhom. Fenech qal ukoll li dakinhar tas-serqa l-*machine gun* kien spara waħdu meta kien ippuntat fl-arja. Fl-aħħar waslet ukoll l-istqarrija ta' Gambin; dan qal li kien Cardona li kien ipproponielu din is-serqa. Sadattant il-pulizija kellha informazzjoni importanti mingħand ċertu Karmnu Bezzina li qal li għaxart ijiem qabel il-każ kien ġie avviċinat minn Ġeraldu Cassar biex jieħu sehem fis-serqa, u li kien mar iċ-ċinema ma' Fenech, Cardona, u Cachia, u li qabel daħlu staqsewh jekk riedx imur magħhom jagħtu s-salt lit-trakk tal-pagi tat-tarzna. Bezzina qal li dakinhar ma kien wieġeb xejn u li tlitt ijiem wara kien iltaqa' magħhom fir-razzett ta' Fenech fejn kienet ippjanata s-serqa u saħansittra kienu ssemmew l-armi li kellhom jintużaw fis-serqa. Buttiġieg kompla qal li aktar tard kellu jiltaqa' ma' Buttigieg fil-pjazza tar-raħal imma ma kienx mar, u lejliet is-serqa kien qallu li ma jridx jidħol fis-serqa.



*L-akkużati waqt l-aċċess tal-ġuri*

### Ix-xufier tat-trakk jgħaraf lil Azzopardi

Ma' din l-evidenza kollha żdiedet dik ta' Manwel Conti, ix-xufier tat-trakk, għax dan kien għaraf lil Ġeraldu Cassar bħala wieħed minn dawk li waqqfuh. Aktar minn hekk, meta Fenech kien mar ħdejn it-trakk kien waqagħlu l-maktur li kien qed jagħttilu wiċċu u s-Sur Papagiorcopolo kien għarfu. B'dawn l-istqarrijiet u b'evidenza oħra, il-pulizija akkużat lil dawn l-irġiel b'diversi akkużi u fit-23 ta' Novembru 1948 beda l-ġuri tagħhom quddiem l-Imħallef William Harding. Cassar, Fenech, u Cardona kienu akkużati li fit-22 ta' April 1948, fi Triq Kordin, Raħal Ġdid, huma għamlu serqa ta £127,740.00 bi ħsara tal-Ammiraljat u li qabel is-serqa, flimkien ma' oħrajn, kienu fthiemu li jmorru f'ġemgħa ta' erba' min-nies, armati b'*revolvers* u b'*machine gun* fl-imsemmija triq mnejn, fit-22 ta' April 1948, kellu jgħaddi trakk tar-*Royal Navy* bil-flus meħtieġa għall-pagi tan-nies tat-tarzna Il-prosekuzzjoni tmexxiet mid-Deputat *Attorney General*, Dr. J. Reynaud, filwaqt li Cassar, Fenech, Cardona, u Cachia kellhom bħala difiża lill-Avukati E. Magri, Vincent Scerri, Maurice Caruana Curran, u Albert Ganado, rispettivament.

### Ix-xhieda fil-Qorti

Il-Pulizija xhedu kif kienu bdew jinstabu l-flus u kif instabu l-affarijiet użati fis-serqa. Wara li nqrat il-proklama ta' Buttigieg dan beda jixhed u qal li xi tliet xhur qabel il-każ huwa kien iltaqa' mal-akkużati Cassar, Fenech, u Cardona ħdejn l-Għammieri biex jifthiemu dwar is-serqa. Buttigieg qal li wara kienet saret laqgħa oħra l-Marsa u oħrajn il-Ħamrun u Ħaż-Żebbug. Fl-ewwel waħda kien isemma li s-sewwieq tat-trakk tan-*Navy* kien se jkun l-akkużat Gambin. Dwar x'kienu se jagħmlu bil-flus wara s-serqa, ix-xhud qal li skont il-pjan dawn kellhom imorru fir-razzett tal-akkużat Salvu Fenech fil-limiti ta' Ħaż-Żebbuġ u li, flimkien ma' Cassar, hu kellu jmur għall-karozza għand Lippu Tanti f'Ħal Luqa. L-armi kellu jieħu ħsiebhom Cardona li ġarrhom fil-karozza tiegħu sal-Blata-l-Bajda, kompla qal Buttigieg, u li dawn wara tpoġġew fil-karozza li fiha kienu qed jistennew it-trakk. Ix-xhud qal li wara, Cardona baqa' sejjer il-Belt biex meta t-trakk ikun telaq minn ħdejn il-bank imur javżahom. Ix-xhud kompla qal li dan kollu sar skont kif kien ippjanat u kif Cardona wasal il-Blata l-Bajda, rikeb fil-karozza tagħhom. Dwar it-tabella li kellha titpoġġa biex jitwaqqaf it-traffiku, Buttigieg qal li din kellu jieħu ħsiebha Ġużeppi Cachia u x-xhud kompla qal li l-flus misruqa kellhom jinqasmu bejnu u bejn il-ħames akkużati. Ftehim ieħor li kien sar qabel is-serqa, qal Buttigieg, kien li jiġri x'jiġri wara

s-serqa, ħadd minnhom ma kellu jitkellem u ma jikxfux lil xulxin. F'aktar xhieda Buttigieg qal kif hu u Geraldu Cassar kienu marru Ħal Luqa għall-karozza u ma sabux iċ-ċavetta biex iħaddmuha. Issemma wkoll l-inċident li kien hemm bejn sid il-karozza, Lippu Tanti, u l-akkużat Cassar għaliex meta dan tal-aħħar talab iċ-ċavetta, Tanti qallu: 'Mela tridx tħalluha ħej?'

Skont din ix-xhieda, il-ħallelin telqu mill-Marsa, fejn qagħdu jistennew, għall-ħabta tad-9.45 a.m. u li l-karozza saqha Cassar bix-xhud Buttigieg ipoġġi ħdejh. Fuq in-naħa ta' wara kien hemm Cardona u Fenech. Skont Buttigieg kien hawn li tqassmu l-armi u Cassar ħa *revolver* bi tliet balal, Salvu Fenech ħa l-*machine gun*, Cardona kellu *revolver* ukoll, u hu (Buttigieg) ħa *revolver* awtomatiku, imma mingħajr balal.

Buttigieg qal li matul it-triq lejn Raħal Ġdid huwa poġġa ċarruta ħadra ma' wiċċu, filwaqt li Fenech għamel maktur, Cardona għatta wiċċu b'gazzetta, u Cassar m'għamel xejn, imma kellu nuċċali tax-xemx skur. Ix-xhud qal li kien hu li qal lis-sewwieq tat-trakk '*Stop the car,*' filwaqt li ppuntalu r-*revolver*. It-trakk waqaf minnufih u l-karozza tagħhom waqfet quddiemu. Imbagħad, hu u Fenech ħarġu armati mill-karozza u marru għan-nies li kienu rikbin fin-naħa ta' wara tat-trakk, u qalulhom biex ma jiċċaqalqux. Meta wieħed minnhom ħareġ il-bajjunetta, raġel ieħor li kellu l-arma ppuntata lejh qallu: '*Put it down.*' Fl-istess ħin, Cassar u Cardona, b'*revolver* f'idejhom, marru għan-nies li kienu fuq quddiem tat-trakk u kif dawn niżlu kienu ordnati joqgħodu mal-oħrajn. Imbagħad Cassar tela' fit-trakk u t-tlieta l-oħra rikbu fuq in-naħa ta' wara.

Skont Buttigieg, ir-rotta li ħadu wara kienet l-ewwel għall-pjazza ta' Raħal Ġdid, in-niżla taċ-ċimiterju tal-Addolorata u minn hemm għal Ħaż-Żebbuġ, fejn ħallew il-flus. Ix-xhud stqarr li għal xi ħin baqa' għassa mal-flus, imma wara telaq lejn id-dar u miegħu ħa l-inċirata li kien liebes, par ingwanti sofor, ir-*revolver* u ċ-ċarruta ħadra li għamel ma' wiċċu waqt is-serqa. Dwar il-karozza li marru biha, ix-xhud qal li din tħalliet fil-post fejn twaqqaf it-trakk.

## Aktar xhieda u l-verdett

Xehedu ukoll is-sid tal-karozza li ntużat fis-serqa kif ukoll wieħed mill-akkużati fost nies oħrajn bħall dawk li kienu fil-vann tar-*Royal Navy*, u wara li nstema l-każ kollu, fil-verdett tagħhom il-ġurati ma sabux lil Gambin ħati, u għalhekk inħeles. Cachia ngħata kundanna ta' għaxar snin ħabs, filwaqt li Cassar, Fenech, u Cardona ntbagħtu ħdax-il sena ħabs kull wieħed.



